MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-16 ta' Frar, 2012

Rikors Numru. 341/2011

Kawza fil-lista: 22

**A B**
**vs**
**C D sive D B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors li permezz tieghu r-rikorrenti ppremettiet u talab hekk:

Illi l-partijiet izzewwgu fil-21 ta’ Dicembru 1991, u minn dan iz-zwieg ghandhom tifel wiehed, illum maggjorenni;

Illi l-partijiet huma legalment separati b’ kuntratt ippubblikat minn Nutar Dottor Nicholas Vella fit-2 ta’ April 1998 ;

Illi l-partijiet ilhom jghixu separatament minn ulxin ghal aktar minn erba’ snin, u m’ hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom; u llum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ghaldaqstant ir-rikorrent jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jiehu l-passi kollha necessarji biex dan id-digriet ta’ divorzju jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat li l-konvenuta ddikjarat li mhux qed topponi ghat-talbiet ta’ l-attur, u talbet li tigi awtorizzata tirriverti ghal kunjom xbubitha “Caruana”;

Rat l-att tal-kawza;

Semghet lill-konvenut bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi dak premess u mitlub jinsab sodisfacentement provat, u ghalhekk it-talbiet attrici jimmeritaw li jigu milqugha.

Ghal dawn il-motivi, tilqa’ t-talbiet tar-rikorrenti; u tippronunzja id-divorzju bejn il-partijiet; tawtorizza lill-konvenut tirriverti ghal kunjom xbubitha “Caruana”; u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien xahar javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-decizjoni tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------